# GIUSEPPE DESPOTT

(1879-1936)

*Alfred E. Baldacchino*

Giuseppe Despott huwa bla dubju ta' xejn wieħed mill-pijunieri Maltin li ħadmu fil-qasam ta' l-istudju u l-ħarsien tan-natura. Huwa twieled Bormla fl-1879. Missieru, Carmelo, kien avukat. Giuseppe studja fil-Kulleġġ ta' San Injazju u fil-Kulleġġ Flores; wara fl-Akkademja kemm ta' Londra kif ukoll f'dik ta' Ruma. Huwa okkupa kariga ta' Superintendent fid-Dipartiment tas-Sajd. Kien ġie ukoll nominat Kuratur tal-Fergħa ta' l-Istorja Naturali fil-Mużew Nazzjonali u f'dak ta' l-Universita ta' Malta.

Giuseppe Despott kellu kuntatti u kien magħruf minn għaqdiet u xjenzjati barranin. Hu kien għamel isem għan-numru kbir ta' artikli xjentifiċi fuq l-Istorja Naturali ta' Malta. Il-Professur Napuljun Tagliaferro, l-ewwel president tas-Soċjetà Storika u Xjentifika ta' Malta kien innomina lil Despott bħala membru tas-Soċjetà. Fil-ġurnal ta' din is-Soċjetà l-*Archivium Melitense,* insibu diversi kitbiet ta' Despott. Dawn jinkludu artikli fuq l-agħsafar, ir-rettili, noti ornitoloġiċi fuq il-gżejjer Maltin, u studju fuq il-ħut ta' Malta.

Ta' min jinnota li Giuseppe Despott, f'wieħed mill-ewwel artikli tiegħu fl-1910 fl-*Archivium Melitense,* li kien jittratta fuq iċ-Ċief, kien qal illi kienet qiegħda ssir ħafna ħsara liċ-Ċief minn bosta kaċċaturi li joħorġu fid-dgħajjes biex jisparaw fuq dawn l-agħsafar li laħamhom lanqas biss huwa tajjeb għall-mejda. Din il-ħsara sfortunatament, għada tinħass sal-lum-il ġurnata.

Fir-*Rivista Italiana di Ornitologia* nsibu mhux anqas minn ħdax-il artiklu ta' studju xjentifiku fuq il-ħajja naturali ta' pajjiżna. Iżda r-*Rivista Italiana di Ornitologia* ma kinitx l-unika rivista barranija li ppubblikat artikli xjentifiċi ta' Despott. *Rivista di Scienze Naturali: Natura* wkoll ippubblikat artiklu ta' Despott fuq id-dehra mhux tas-soltu f'Malta tal-Kruċjati (*Crossbills*) f'Ottubru 1929. (ara paġni 7 - 9)




*Giuseppe Despott*



*Bebbuxu endemiku għall-Gżira ta' Filfla li huwa msemmi għal Despott —* Trochoidea despotti.

Iż-*Zoologist*, rivista Ngliża, ppubblikat artiklu fuq ir-rettili Maltin, u fl-*Ibis*, ġurnal ta' l-Għaqda Ornitoloġika Ngliża ta' fama internazzjonali nsibu artiklu ta' Despott fuq l-ornitoloġija ta' Malta. Fir-rivista tas-Soċjetà tal-Molluski, Despott ukoll inkluda artiklu fuq l-istudju ta' molluski fil-port ta' Marsaxlokk. F'dan il-qasam ta' studju tal-molluski, Despott għamel isem kemm għal pajjiżu kif ukoll għalih, meta sab bebbuxu endemiku fuq il-Gżira ta' Filfla. Dan il-bebbuxu, li ma jinstab imkien aktar fid-dinja ħlief fuq il-gżira ta' Filfla, ġie msemmi għal Despott, u l-isem xjentifiku tiegħu llum huwa *Trochoidea despotti.* Fil-*Melita*, rivista Maltija, insibu artiklu ta' Despott fuq l-osservazzjoni straordinarja tal-Wiżż tal-Maskra Bajda. Fil-bulletin tal-Mużew insibu wkoll diversi noti xjentifiċi ta' Despott fuq studju ta' ħut, rettili, rizzi, agħsafar, granċi u molluski.

Despott kiteb ukoll diversi rapporti, fosthom rapporti fuq il-ħut u l-iżvilupp tagħhom f'Malta; rapporti fuq is-sajd; u anke wieħed fuq l-iskavi f'Għar Dalam. Il-*Memoirs Bijografiċi ta' Ardoino Nicola* wkoll inkitbu minn Despott.

Wara marda twila Despott miet fir-residenza tiegħu, Triq Merkanti l-Belt, nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 1936, fil-10.00 ta' fil-għodu. Huwa ħalla jibku t-telfa tiegħu lil martu Stella neè Busuttil u liż-żewġ uliedu Maria u Josephine. Il-funeral tiegħu sar fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata l-għada l-Erbgħa fil-4.00 ta' filgħaxija.

Wieħed jista' jgħid b'ċertezza illi Despott kien wieħed minn ta' l-ewwel hawn Malta li għaraf il-bżonn tal-ħarsien u l-protezzjoni ta' l-ambjent naturali, il-wirt Malti. Kien wieħed minn ta' l-ewwel li qal li jekk iċ-Ċawl (*Jackdaw*) ma jiġix imħares, kien se jispiċċa għal dejjem minn pajjiżna, kif fil-fatt ġara fl-1956. Dan l-għasfur kien numeruż ħafna: kien ibejjet hawn Malta u sa mill-1918 kien imħares bil-liġi. Ħasra li dawk ta' wara Despott m'għarfux ikomplu x-xogħol siewi tiegħu, u lanqas għarfu jimxu fuq il-linji li Despott irnexxielu jindika u jibda. Kieku dan ix-xogħol tkompla minn ta' warajh, kieku l-ambjent Malti ma kienx jispiċċa fl-istat ħażin u żdingat li jinsab fih illum. ❑